

# Mellieħa Scouts Group

**Is-Sur Arthur Abela**
Group Scout Leader

Għeżież ħbieb,

Nibda bl-aktar waħda importanti. Jekk tiftakru sew, is-sena l-oħra, ktibt dwar diversi ċentinarji, fosthom iċ-ċentinarju mit-twaqqif tas-Soċjetà Museum, u fuq kollox iċ-ċentinarju mit-twaqqif tal-movument tal-Iscouts fid-dinja. Din is-sena wkoll għandna avveniment simili. L-Assoccjazzjoni tal-Iscouts f'Malta, qed timmarka il-mitt sena mit-twaqqif tagħha. Ninsab ċert li taqblu miegħi li meta wieħed jieqaf jirrifletti ftit, mitt sena huma twal. Huma ħafna itwal mill-medja ta' omor ta' bniedem! Allura, ġa la darba is-soċjetà, għaqda, movument jkun xi jkun il-kaz, meta jkunu għaddew mitt sena, u jibqa attiv u sostenibbli, naħseb li taqblu miegħi li tkun għada utli u ħajja anke fiż-żminijiet ta' llum?

Il-grupp tal-Mellieħa Scouts, oriġinarjament kien twaqqaf fl-1938. Dan kellu ħajja xi ftit qasira sal-1942 meta kellu jieqaf hesrem minnħabba t-tieni gwerra dinija. Minn dak iż-żmien l-hawn, ma hemm imkien iddokumentat li reġa fetaħ. Għalkemm xi segwaċi tal-grupp jgħidulna li wara l-gwerra, il-grupp tal-Mellieħa kien reġa fetaħ, iżda kellu zmien ferm iqsar minn dak tal-ewwel. It-tieni grupp kien serva għall ftit xhur biss.

Sa minn tfuliti dejjem kont nixtieq li jkolli l-opportunità li nissieħeb ma' l-Iscouts. Ma kienx possibbli għalija. Għaldaqstant, ġietni l-idea li niftaħ l-opportunità li ma kellix fi tfuliti għat-tfal u żgħażagħ Melleħin. Hekk ġara fl'1991. Flimkien ma' Capt. Norman D'Amato, ftaħna l-bibien tal-grupp. Il-konkorrenza kienet waħda tajba ħafna. Illum, sbatax il-sena wara, il-grupp għadu hemm, jeżisti u jiffunzjona. Konkorrenza ta' membri tajba ħafna. Diversi attivitajjiet jkun organizzati minn żmien għal żmien matul is-sena kollha. Nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja lil dawk kollha li jipparteċipaw fl-attivitajjiet tagħna iżda fuq kollox lil dawk kollha li dejjem jkunu lesti sabiex jagħtu l-għajnuna tagħhom kull fejn ikun meħtieġ. Ma nixtieqx insemmi ismijiet għax nibża li nħalli lill xi ħadd barra.

Bħal ma tafu wkoll, il-kwartieri tagħna qegħdin ġewwa l-**O.P.** – il-Fortizza tas-Salib. Informazzjoni dwarha ftit li xejn għandna. Nistieden lil kull min jiftakar sew il-Fortizza tiffunzjona, sabiex jikkuntatjana u b'hekk inkunu nistgħu nieħdu intervista sabiex niġbru aktar informazzjoni ħajja ta' kif tkun iddeskrività minn nies flimkien ma' xi esperjenzi personali tagħhom ġewwa l-fortizza. Nieħu din l-opportunita, sabiex nistieden lill kull min fiż-żmien l-imgħoddi, kien membru fil-grupp tal-Iscouts tal-Mellieħa, sabiex javviċinana mill-aktar fis possibbli sabiex ikun mistieden f'attività speċjali li timmarka il-mitt sena scouting f'Malta. Ħadd m'għandu għalfejn jibqa lura. Hu l-gost tagħna li nsiru nafu lill-ħutna fl-iscouts. Dan hu ġest memorabbli li ħadd m'għandu jitlef.

Jien nemmen li l-Fortizza serviet missjoni mportanti ħafna waqt il-gwerra. Tant li kollox baqa mistur b'sigrieti militari. L-O.P. kif jafuha missirijietna, l-iskop oriġinali tagħha kien *"ammunition dump"* u *"artillery ranging station"*. Din l-informazzjoni hija meħuda minn kif iddeskrivija is-Sur Mario Farrugia, iċ-Chairman tal-Fondazzjoni Wirt Artna. Is-Sur Farrugia jkompli billi jiddikjara wkoll li kienet protetta immens. Dan ikompli jqanqalna sabiex infittxu aktar dwar l-istorja tal-O.P. Intom tistgħu tkunu ta' għajnuna fejjieda f'din ir-riċerka importanti bħala wirt storiku ġewwa l-Mellieħa.

Nagħlaq billi f'ismi u f'isem il-Mellieħa Scout Group, nawguralkom festa mill-isbaħ, ferħ, hena u għaqda bejnietna lkoll. Ejjew ilkoll flimkien nergħu inkunu ta' eżempju tajjeb u nuru lill kullħadd kif għada tkun **Festa Reliġjuża**. Festa li hi l-**qofol** tal-festi Marjani kollha. Ngħid li hi l-qofol tal- festi Marjani, għax propju huwa jum it-twelid ta' Sidtna Marija. Li kieku ma' twelditx il- Madonna, ebda festa Marjana oħra ma' kienet tkun iċċelebrata. Fuq kollox huwa jum li ġab ħafna rebħiet mall-milja taż-żminijiet. Vittorji kbar seħħew f'jum it-twelid ta' Marija. Huwa propju għalhekk insejħu jum il-Vitorja.

IL-FESTA T-TAJBA LILL-MELLEĦIN KOLLA U LILL DAWK LI JIĠU JŻURUNA.

VIVA MARIJA BAMBINA

Inselli għalikom







